32005R1608

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1608/2005

tat-30 ta' Settembru 2005

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3149/92 li jippreskrivi regoli dettaljati għar-riforniment ta' ikel mill-ħażna ta' intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidrat it-trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 tal-10 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi regoli ġenerali għar-rifornimenti tal-ikel minn stokkijiet tal-intervent lil organizzazzjonijiet indikati għad-distribuzzjoni lil persuni li huma l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

billi:

(1) L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3149/92 [2] jiddetermina r-regoli dettaljati għas-sejħiet għall-offerti rigward l-organizzazzjoni tal-provvisti fl-Istati Membri li jipparteċipaw fil-miżura tal-Komunità għad-distribuzzjoni tal-ikel minn ħażniet ta' intervent għall-benefiċċju ta' persuni l-aktar fil-bżonn.

(2) Il-prodotti li għandhom jiġu rtirati mill-ħażniet tal-intervent fil-kuntest tal-pjan annwali jistgħu jiġu pprovduti fl-istat li jkunu fih jew jiġu ttrasformati għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel, jew jistgħu jiġu rtirati bħala ħlas tar-rifornimenti jew il-manifattura ta' oġġetti tal-ikel użati fis-suq tal-Komunità. Għal dan it-tip ta' rifornimenti, għandhom jiġu ppreċiżati l-prodotti disponibbli fil-ħażniet tal-intervent li jistgħu jiġu rtirati bi ħlas għall-manifattura ta' prodotti taċ-ċereali u ta' prodotti tal-ħalib.

(3) Biex iwieġbu aħjar għall-bżonnijiet ta' organizzazzjonijiet tal-karità u biex jespandu l-firxa ta' prodotti tal-ikel fornuti, ikun xieraq li jiġi speċifikat li l-prodotti minn ħażniet ta' intervent jistgħu jiġu inkorporati fi prodotti oħra għall-għanijiet tal-fabbrikazzjoni tal-ikel.

(4) Skont l-Artikolu 47(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella [3], l-intervent pubbliku fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella bħala strument permanenti ta' appoġġ għas-suq ma' baqax jeżisti mill-1 ta' Lulju 2002. B'hekk huwa meħtieġ li r-Regolament (KEE) Nru 3149/92 jiġi adattat għal din is-sitwazzjoni ġdida.

(5) Konsegwentement jeħtieġ li r-Regolament (KEE) Nru 3149/92 jiġi emendat.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitati ta' Ġestjoni kkonċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 3149/92 hu emendat kif ġej:

1) L-Artikolu 4 hu emendat kif ġej:

a) Fil-paragrafu 1, punt b), it-tielet supbaragrafu għandu jinbidel bit-test li ġej:

"Madankollu, f'każ li fil-ħażniet ta' intervent ma jkunx disponibbli r-ross, il-Kummissjoni tista' tawtorizza t-tneħħija ta' ċereali mill-ħażniet ta' intervent bi ħlas għar-rifornimenti ta' ross u prodotti derivati mir-ross mobilizzati fuq is-suq."

b) fil-paragrafu 2, punt a), il-paragrafu li ġej għandu jiżdied wara t-tielet paragrafu:

"Fil-każ imsemmi fit-tieni paragrafu, it-tielet inċiż, u meta l-provvista tkun tinvolvi r-ross jew il-prodotti tar-ross bi skambju għal ċereali meħuda mill-ħażniet tal-intervent, is-sejħa għall-offerti għandha tispeċifika li l-prodott li għandu jittieħed huwa ċereali li qed jinżamm minn aġenzija ta' intervent."

c) il-paragrafu 2a hu mibdul bit-test li ġej:

"2a Il-prodotti mill-intervent jistgħu jiġu inkorporati jew miżjuda ma' prodotti oħra mobilizzati fis-suq għall-fabbrikazzjoni tal-ikel li jrid jiġi pprovdut għall-għanijiet ta' implimentazzjoni tal-pjan. F'dawn il-każijiet, prodotti minn ħażniet ta' intervent iridu jirrappreżentaw tal-anqas 40 % tal-piż nett tal-prodott tal-ikel li jrid jiġi provvdut.

Fil-każ imsemmi fl-ewwel paragrafu, is-sejħa għall-offerti għandha tindika espressament l-obbligu li l-prodotti minn ħażniet ta' intervent iridu jirrappreżentaw tal-anqas 40 % tal-piż nett tal-prodott tal-ikel li jrid jiġi provvdut."

[1] ĠU L 352, 15.12.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2535/95 (ĠU L 260, 31.10.1995, p. 3).

[2] ĠU L 313, 30.10.1992, p. 50. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1903/2004 (ĠU L 328, 30.10.2004, p. 77).

[3] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1).

2) Fl-Artikolu 5(1), it-tieni paragrafu għandu jitħassar.

3) L-anness għandu jitħasser.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2005.

Dan ir-Regolament huwa mandatorju fl-elementi kollha tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Settembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni